**4 ta' Marzu, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B. A. (Hons.), LL.D.**

Eugenio Cassar

*versus*

Felix Agius

## L-Istampa - Rapporti dwar Proċedimenti fil-Kamra tar-Rappresentanti - Dottrina u Liġi dwar il-Privileġġ dwar Rapporti tad-Dibattiti Parlamentari

*Kawża fejn l-attur talab danni għal libell defamatorju minħabba artikolu f'gazzetta. Il-konvenuti eċċepixxew illi l-pubblikazzjoni kienet privileġġjata għaliex kienet rapport parlamentari.*

*Filwaqt illi l-Membri tal-Kamra tar-Rappresentanti igawdu privileġġ assolut f'dak li jgħid naxxenti mill-bżonn tagħhom li jkollhom libertà sħiħa u kompleta ta' komunikazzjoni u b'analoġija wkoll jgawdu l-istess privileġġ assolut il-pubblikazzjonijiet uffiċjali*

*tal-Kamra, rapport f'gazzetta ta' dibattitu parlamentari għandu privileġġ kwalifikat. L-immunità ta' l-editur u l-istampatur fil-kuntest ta' tali rapporti parlamentari m'hijiex assoluta imma ċirkoskritta fis-sens illi rapport irid ikun* ***bona fide****. Sakemm ir-rapport ikun* ***fair and accurate*** *wieħed ma jistax jaddebita malafede lill-editur.*

*Il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li l-azzjoni ma setetx issir u ordnat il-kontinwazzjoni fil-meritu.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni tas-7 ta' Lulju 1989, li biha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut Felix Agius bħala editur u Harold Walls bħala stampatur tal-ġurnal "L-Orizzont", permezz ta' kitba "L-Aġġornament tal-Parlament tat-Tnejn" - "Reno Calleja jitlob inkjesta minn Demarco", li ġiet ippubblikata fil-ħarġa ta' dan il-ġurnal ta' nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju, 1989, li vera kopja tagħha qegħda tiġi esebita bħala Dok. "A", taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku;

U wara li ppremetta illi bħala l-parti offiża għandu dritt għad-danni kontemplati fil-liġi ta' l-istampa;

Talab għaliex l-konvenuti m'għandhomx jgħidu li din l-Qorti, tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li għandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tiegħu; u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma illi dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jaċċedix l-elfejn lira maltin (LM2,000) bħala danni u riparazzjoni tal-inġurja morali u malafama illi huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Felix Agius li biha eċċepixxa illi l-kitba *de quo* hi rapport parlamentari li hu privileġġjat u ma jista' jagħti lok għall-ebda azzjoni bħal dik tentata mill-attur, u bla preġudizzju għal dan, il-kitba fiha fatti veri li l-eċċipjent lest jipprova;

Rat in-nota tal-eċċezjonijiet tal-konvenut Harold Walls li biha eċċepixxa illi hu ma qarax il-kitba *de quo* qabel ġiet pubblikata u illi l-kitba hi *privileged pubblication* li dwarha l-attur ma setax jagħmel il-kawża odjerna;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Felix Agius qed jeċċepixxi li l-kitba *de quo* hi rapport parlamentari li hu privileġġjat u li ma jista' jagħti lok għall-ebda azzjoni bħal dik tentata mill-attur. Il-konvenut Harold Walls, jeċċepixxi illi l-kitba hi *priveleged publication* li dwarha l-attur ma setax jagħmel il-kawża. L-attur qed jikkontesta dawn l-eċċezzjonijiet;

Ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-fatti in kwantu huma rilevanti għal din l-eċċezzjoni. L-artikolu inkriminat hu ċertament parti integrali mir-rapport, li deher fil-ħarġa tal-Orizzont tas-7 ta' Ġunju 1989, tas-seduta tal-kamra tar-rappresentanti li nżammet t-Tnejn ta' qabel, u ċjoè fil-5 ta' Ġunju 1989. L-artikolu hu intitolat "L-Aġġornament tal-Parlament tat-Tnejn" u hu intiż bħala reżokont tad-diskorsi ta'

diversi membri tal-partit fl-opposizzjoni f'dik il-parti tas-seduta. Dan ir-reżokont - salv kull prova fil-kuntrarju - jirrapporta b'mod indirett dak li qalu dawn il-kelliema. Ma jirriżulta li hemm l-ebda kumment jew opinjoni tal-korrispondent tal-ġurnal ġestit mill-konvenuti. Dan hu rilevanti għall-eżami tal-eċċezzjoni sollevata, in kwantu din qed tipprospetta li l-artikolu jgawdi immunità, in kwantu hu rapport ta' *parliamentary proceedings sic et simplicitur*. Dan l-element hu indubbjament pruvat;

Ikkunsidrat:

Stabbiliti dawn il-fatti l-eċċezzjoni sollevata tirriżolvi ruħha f'waħda skwiżitament ta' indole legali. Il-konvenuti qed jeċċepixxu li l-azzjoni per se ma setatx tiġi tentata in kwantu l-artikolu jgawdi minn privileġġ li jirrendieh immuni kontra kull azzjoni skond il-provvedimenti tal-Liġi dwar l-Istampa (Att XL tal-1974). Huma jikkontendu li l-artikolu 33 tal-istess Att jipprovdi protezzjoni assoluta lil din il-kwalità ta' pubblikazzjoni. Mill-banda l-oħra l-attur isostni li dan l-artikolu ma japplikax għar-rapporti ta' seduti parlamentari fil-ġurnali, imma japplika biss għar-rapporti uffiċjali riveduti jew *unedited* u *unrevised reports* ta' dawn is-seduti, u in oltre anki jekk mhux il-każ, il-protezzjoni li tipprovdi il-liġi tammonta biss għal privileġġ kwalifikat. Privileġġ kwalifikat li huma jsostnu ma jeżentax lill-editur u l-istampatur mill-obbligu li jivverifikaw il-korrettezza tar-rapport minnhom riprodott;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tal-ewwel sottomissjoni tal-attur, u ċjoè illi l-artikolu 33 (d) tal-Att XL tal-1974, ma japplikax għar-rapporti ta' seduti fil-Kamra tar-Rappresentanti li jidhru fil-ġurnali, il-Qorti tqis li dan hu insostenibbli. Hu ċar li l-liġi dwar l-Istampa ma kellha qatt, u m'għandiex il-funzjoni li tirregola l-pubblikazzjonijiet li jemanixxu mill-Kamra tar-Rappresentanti stess u li jiġu ppublikati taħt il-kontroll dirett tal-uffiċċju tal-iskrivan tal-Kamra li jirrispondi għall-Ispeaker. Hu risaput illi l-pubblikazzjoni tad-dibattiti tal-Kamra tar-Rappresentanti, kemm dawk *unedited and unrevised,* kif ukoll *official and revised,* jiġu kontrollati minn dan l-uffiċju u mill-membri stess skond ir-Regolamenti tal-Kamra. Jekk isir xi abbuż jew irregolarità f'dan ir-rigward - jekk dan hu qatt possibbli stante l-proċeduri użati - il-persuna responsabbli trid tirrispondi direttament lill-Kamra nfisha. Hu ovvju li wieħed ma jistax jipprospetta li dawn il-pubblikazzjonijiet uffiċjali - għax anki l-*unedited* u *unrevised reports* huma f'ċertu sens uffiċjali - ikunu magħmula *in mala fede*. Dana għax il-kontenut tagħhom hu kontrollat u verifikat, qabel il-pubblikazzjoni, mill-membri stess li jkun għamlu id-diskorsi riportati. Lanqas hu l-każ li wieħed jikkonsidra l-possibilità ta' pubblikazzjoni ta' xi parti mid-dibattitu li ma tkunx rilevanti, għall-fatt sempliċi li r-Regolamenti tal-Kamra jeżiġu l-pubblikazzjoni tad-dibattiti tkun fl-interezza tagħhom u ma tippermettiex altrimenti. Għall-istess raġuni, ma tistax tiġi prospettata l-eventwalità li tiġi maqbuża, jew b'ħażen jew b'traskuraġġni, imbiddla jew imqassra, id-difiża tal-persuna li ġiet attakkata. Dan għax fil-każ ta' dawn il-pubblikazzjonijiet uffiċjali, in ultima analiżi, il-persuni responsabbli għal dak li jiġi pubblikat huma l-membri tal-Kamra tar-Rappresentanti nfushom - huma stess huma l-edituri ta' dak li jiġi pubblikat. Hu ċar li kull membru għandu l-fakoltà w il-faċilità jassigura

li dak li jkun ser jiġi pubblikat, ikun qed jiġi fedelment u interament riprodott *verbatim*. Hu korrett għalhekk dak li issottomettew il-konvenuti li l-artikolu 33 għandu jitqies fl-interezza tiegħu u bl-applikazzjoni tar-regola fundamentali tal-interpretazzjoni tal-*ejusdem generis*, is-subinċiż (d) ta' dan l-artikolu għandu jitqies li japplika għall-gazzetti, ġurnali, u stampar ieħor ta' din ix-xorta;

Ta' min jirrileva illi dak li qed jirribatti l-attur fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-Kamra tar-Rappresentanti, jifforma l-mertu tal, u hu rifless fil, il-privileġġ tal-libertà tal-kelma li tiegħu huma ġelużi il-membri tal-Parlament u l-konsegwenzjali protezzjoni li l-istess membri jeżiġu biex jassiguraw l-eżerċizzju liberu ta' dan il-privileġġ. F'dan ir-rigward jiġi notat li l-kamra tar-Rappresentanti issegwi mill-qrib il-proċeduri u l-użanzi tal-Parlament tar-Renju Unit, apparti lis-*standing orders* statutorji tagħha. L-Erskine May (*The Law, Privileges, Proceedings and Usages of Parliament*), jgħid hekk fuq il-privileġġ li jgawdu *l-official parliamentary publications*:-

*By the Parliamentary papers Act, 1840, passed in consequence of the Court of Queen's Bench in the case of* ***Stockdale vs. Hansard,*** *it was enacted that proceedings, criminal or civil, against persons for the publication of papers printed by order of either House of Parliament shall be immediately stayed on the production of a certificate, verified by affidavit, to the effect that such publication is by order of either House of Parliament;*

Mill-banda l-oħra hu stabbilit, u dan hu applikabbli għall-Kamra tar-Rappresentanti, illi l-Parlament jikkontrolla l-

pubblikazzjoni ta' rapporti tad-dibattiti fil-ġurnali w jikkonsidra bħala ksur tal-privileġġ tiegħu *false and perverted reports of them;*

Ikkunsidrat:

Il-premess iwassal il-Qorti biex teżamina in-natura tal-privileġġ li jgawdu pubblikazzjonijiet ta' rapporti privileġġjati. Id-dottrina Anglo-Sassona, li tieħu l-ispirazzjoni tagħha mill-proċeduri u prattiki tal-Parlament Ingliż, tattribwixxi privileġġ assolut lill-dak li jgħid membru tal-parlament, waqt is-seduta parlamentari. Dan il-privileġġ assolut jestendi ukoll għall-publikazzjonijiet uffiċjali tad-*debates.* Robin Callender Smith, fil-ktieb *Press Law* (1978), jgħid:-

*Absolute privilege covers cases in which complete freedom of communication is regarded as so important that, no matter how outrageous or untrue the statement is, there is no legal redress ......... Statements made in the course of parliamentary proceedings (that is, members of parliament when they speak in a House of Commons debate) and statements contained in the official reports of parliamentary debates (Hansard) by order of either House of Parliament carry absolute privelege;*

Il-Konvenuti donnhom qed jinvokaw dan il-privileġġ assolut fir-rigward tal-pubblikazzjoni mertu tal-kawża. Dan mhux però korrett. Dan għaliex, fil-waqt li l-membri tal-Kamra tar-Rappresentanti igawdu privileġġ assolut f'dak li jgħidu naxxenti mill-bżonn tagħhom li jkollhom libertà sħiħ u kompleta ta' komunikazzjoni u b'anoloġija ukoll, jgawdu l-istess privileġġ assolut il-pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-kamra, *a newspaper*

*report of a parliamentary debate carries only qualified privilege (The Press Law* - ibid). Fid-duttrina Ingliża, *qalified privilege will also protect the maker of an untrue defamatory statement, but only if the debator acts honestly and without malice. Malice has no part in the defence of absolute privelege.* Il-posizzjoni hi l-istess fil-Kanada: *An absolute privelege extends to the deliberations of legislative and quasi-legislative bodies. Defamatory comments made in the course of such proceedings may not be the subject of a defamation action, even though maliciously made ......... It is only the debates and other processes leading up to legislation which need to have this protection .......... There is* ***corresponding qualified privilege*** *protecting fair and accurate reports of legislative proceedings. This qualified privilege extends not only to the Parliament of Canada,* eċċ. *....(The Law of Libel and Slander in Canada (Second Edition) Jeremy S. Williams (1985));*

Dan il-privileġġ kwalifikat hu rikonoxxut fl-IStati Uniti bħala *The fair report Privilege*. Rodney A. Smolla, fit-trattat tiegħu *Law of Defamation* (1989 paġna 8.30 et seq.), jgħid *The common law has long recognised the unique privilege to publish fair and accurate reports of certain defined, judicial, legislative and executive proceedings ......The fair report privilege permits the publisher of information from covered proceedings to repeat defamatory statements made at these proceedings without the usual republisher's liability. The fair report privilege continues to thrive; it remains one of the most powerful and frequently invoked common law defences, particularly for the press. The rationale for the privilege is of considerable vintage but remains as relevant as ever: The reporter is a surrogate for the public, permitting it to observe through the reporter's eyes, how the business of government is being conducted;*

Il-posizzjoni hi kristallizzata minn W. Valentine Ball fil-ktieb tiegħu *The Law of Libel as affecting Newspapers and Journalists (Registered USA 1986):- "A member is protected in respect of everything he says in the House ........The proceedings of both Houses are commonly transcribed in the press .......... At the present time reports of what takes place in the House of Lords and the House of Commons* ***are privileged provided that they are fair and accurate.*** *Indeed the analogy between such reports and the reports of judicial proceedings is complete. There can be no such thing as an action for libel founded upon* ***an accurate*** *report of a speech in Parliament. If a member of the House were to make a serious allegation even against some person who was not there to protect himself, no action can be brought in respect of it.* Kif jgħid l-Erskine May fir-rigward tal-privileġġi stabbiliti fil-każ klassiku *Wason vs. Walter* li stabbilixxa il-qualified privilege:- *The judgement in Wason vs. Walter in 1868, was made on the principal that the publication of the proceedings both of courts of Justice and of Parliament are protected by privelege on the same ground: that the occasional inconvenience to individuals arising from it must yield to the general good. A fair and faithful report of the whole debate would therefore not be actionable.*

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ittrattat b'ċerta attenzjoni lis-sfond teoritiku tal-*privilege* li tgawdi l-istampa fir-rigward tar-rapport parlamentari, mhux biss għaliex hu ovvju li dak li hu aċċettat f'pajjiżi oħra demokratiċi, bl-istess sistema parlamentari hu ta' interess għall-istudju ta' sitwazzjonijiet analogi f'pajjiżna, imma wkoll għax jidher li hu ta' għajnuna diretta għall-interpretazzjoni tal-artikolu

33 tal-Liġi tal-Istampa fuq ċitat. Infatti ma hemmx dubju illi dak l-artikolu jagħti il-privileġġ ta' immunità minn kull azzjoni - kemm ċivili kif ukoll kriminali - għall-pubblikazzjonijiet ta' rapporti tal-Kamra tad-Deputati. Din l-immunità ma hiex waħda assoluta, kif jirritjeni l-konvenut. L-editur u l-istampatur ma humiex eżenti minn kull responsabilità fil-pubblikazzjoni tar-rapporti Parlamentari. Huma obbligati joperaw entro il-parametri stabbiliti mill-istess artikolu, u f'dan is-sens il-libertà tagħhom hi ċirkoskritta. Dana fit-termini li l-attur stess jipprospetta fin-nota tiegħu, u ċjoè li jrid jkun rapport *bona fide,* li jeħtieġ li tkun pubblika tal-parti rilevanti tad-dibattitu u li ma tiġix maqbuża jew b'ħażen jew bi traskuraġni, imbiddla jew imqassra, d-difiża tal-persuna li tkun ġiet attakkata. F'dan is-sens u *entro* dawn il-limiti il-privileġġ hu kwalifikat;

*Dana ma jfissirx però li l-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni ristretta, u fil-fehma tagħha għal kollox skorretta li qed jagħti l-attur lil dan il-privileġġ kwalifikat. Kieku kellha taċċetta tali interpretazzjoni, ċertament l-iskop benefiku soċjali tal-pubblikazzjoni tempestiva tad-dibattiti parlamentari jiġi stultifikat. Hekk il-bona fede* jew il-*mala fede* ma tammanix mill-kontenut tad-diskors. Dan hu responsabilità tal-membru li jgħidu, u jista' jkun - u sfortunatament ġieli jkun - fih innifsu malafamanti. Sakemm ir-rapport ikun *fair and accurate* wieħed ma jistax jaddebita malafede lill-editur. L-istess n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' parti rilevanti tad-dibattitu jista' jwassal għall-konklużżjoni li r-rapport ma jkunx *fair and accurate,* imma l-editur ma għandu l-ebda obbligu li jipprokura bilanċ jew li jippubblika ġustifikazzjoni jew risposta għall-allegata inġurija, aljunde jekk dan ma jirriżultax mid-dibattitu nnifsu. Fuq kollox – u dan hu forsi l-aktar rilevanti għall-każ in eżami - meta l-

liġi titkellem dwar li jrid jiġi assigurat li ma tiġix maqbuża jew b'ħażen jew bi traskuraġni, imbiddla jew imqassra, id-difiża tal-persuna li tkun ġiet attakata, il-liġi qed titkellem **biss** fil-konfront tad-dibattitu parlamentari li qed jiġi rrapurtat;

Dan ifisser li l-privileġġ kwalifikat jista' jintilef u l-editur u l-istampatur jesponu ruħhom għall-azzjoni ċivili jew kriminali, fil-każ fejn b'malizzja jew traskuraġni jonqsu **milli jirrapportaw xi parti mid-dibattitu** fejn il-persuna attakata w injurata tkun ġiet b'xi mod difiża u dana jew minn min ikun qed jagħmel l-akkuża, jew minn ħadd ieħor fil-Kamra. Dan in-nuqqas, ovvjament jikkreja żbilanċ, bi preġudizzju għall-persuna li tkun ġiet attakata u inġurjata, u hu għalhekk azzjonabbli. Hi forsi ħasra li din l-protezzjoni siewja li l-liġi tal-istampa tagħti liċ-ċittadin kontra l-inġurja u l-isbilanċ fid-dibattitu parlamentari, qatt ma jidher li ġiet utilizzata permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. Dan fi żmien meta l-privileġġi parlamentari qed jiġu kontestati f'aktar minn ambjent wieħed. Hu il-każ li jinstab bilanċ ġust bejn il-bżonn li jiġi garantit id-dritt tal-libertà assoluta ta' espressjoni tal-membru parlamentari, u d-dritt taċ-ċittadin li ma jiġix issoġġettat għall-malafama inġusta bla ma jingħata l-opportunità li jirrejaġixxi għaliha. Dan però *de lege condenda;*

Hu ċar però li dan ir-rimedju hu ferm 'il bogħod mill-pretenzjoni tal-attur li l-editur hu obbligat li jivverifika w jindaga dwar il-verità ta' allegazzjoni magħmula fil-Kamra tar-Rappresentanti kontra persuna li ma kinetx fil-Kamra u ma kinetx f'posizzjoni li tiddefendi ruħha. U dana qabel ma jippubblika dina l-allegazzjoni. Editur ma għandu l-ebda obbligu bħal dan, għax kif ingħad, il-funzjoni tiegħu hi biss li jservi ta' mezz kif iġib a konjizzjoni tal-qarrejja dak li qed jingħad fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Kif hu protett il-membru parlamentari fl-

interess komuni, hekk ukoll huma protetti l-persuni responsabbli għall-ġurnal, **sakemm tagħhom ikun "a fair and accurate report".** Il-gravità tal-inġurija reportata hi rrilevanti għall-prinċipju. L-*istanding orders* tal-Kamra tar-Rappresentanti, ma jippermettux li jsiru, per eżempju, riflessi fuq il-kondotta dubbjuża tal-Kap tal-Istat, u min jagħmilhom jiġi mitlub jirtirhom. Però dak kollu li hu permissibbli li jingħad fil-kamra u li jitħalla li jingħad, u li jiġi permess li jiġi pubblikat, hu kopert b'dan il-privileġġ kwalifikat. Il-liġi tipproteġi kull riproduzzjoni tiegħu, u l-ebda azzjoni ma tista' tittieħed sakemm ir-riproduzzjoni tkun *fair and reasonable* fit-termini tal-limitazzjonijiet kontenuti fl-istess artikolu 33. L-Editur u l-Istampatur ma jeħtieġilhom jagħmlu xejn oltre li jirriproduċu b'mod fidil u lejali dak li jintqal - u dana irrispettivament mill-kontenut inġurjuż tiegħu;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi dwar l-eċċezzjoni li l-attur ma setax jagħmel il-kawża odjerna, in kwantu il-kitba mertu tal-kawża hi *privileged pubblication,* billi tiċħad l-istess eċċezzjoni in kwantu waqt li hu veru li r-rapporti tal-parlament riprodotti fil-ġurnali huma koperti bi privileġġ kif fuq spjegat, tali privileġġ ma hux assolut, imma hu kwalifikat fit-termini tal-istess artikolu 33 tal-Att XL tal-1974 tal-Istampa. L-attur hu għalhekk intitolat li jaġixxi fid-dawl tas-suespost, imma l-azzjoni tiegħu hi neċessarjament limitata b'dak li hemm provdut fl-istess artikolu w sa hawn biss l-azzjoni attriċi hi ammissibbli. Il-kawża tibqa' differita għall-kontinwazzjoni fil-mertu, b'dan li l-attur għandu jipproduċi kull prova tendenti biex jistabbilixxi li, bl-aġir tagħhom il-konvenut ippreġudikaw il-jedd tagħhom għall-privileġġ kwalifikat fil-pubblikazzjoni tar-rapport parlamentari mertu ta' din il-kawża – provi li għandhom ikunu, u l-Qorti

ser tassigura li jkunu, rilevanti in kwantu jistgħu jippruvaw li l-konvenuti naqsu li jagħtu *"a fair and accurate report"* tal-*"proceedings"* fil-Kamra tar-Rappreżentanti fis-seduta li għaliha r-rapport jirreferi. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.